MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 155/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Dimech**
**Ludwig Dimech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Dimech u Ludwig Dimech talli fid-19 ta’ Lulju 2004 ghall-habta tal-4.00 p.m. gewwa Haz-Zebbug:

(1) Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha fuq il-persuna ta’ l-Ispettur Josric Mifsud kif ukoll ta’ P.S. 325 Patrick Borg, waqt il qadi ta’ dmirijiethom;

(2) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati, cioe` kontra l-Ispettur Josric Mifsud, Spettur Alexander Grech, P.S. 325 Patrick Bonnici, P.S. 736 Vincent Falzon u P.C. 1098 Anthony Scerri skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

(3) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom;

(4) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkommettew offizi gravi fuq il-persuni ta’ l-imsemmija Spettur Josric Mifsud kif ukoll P.S. 325 Patrick Bonnici, liema offizi jgibu mankament jew sfregju fil-wicc u fl-ghonq;

(5) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe` kontra l-Ispettur Josric Mifsud, Spettur Alexander Grech, P.S. 325 Patrick Bonnici, P.C. 736 Vincent Falzon u P.C. 1098 Anthony Scerri fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

(6) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ingurjaw jew heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta’ l-Ispettur Josric Mifsud, Spettur Alexander Grech, P.S. 325 Patrick Bonnici, P.C. 736 Vincent Falzon u P.C. 1098 Anthony Scerri persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

(7) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, hebbew ghall-Ispettur Josric Mifsud kif ukoll P.S. 325 Patrick Bonnici sabiex jingurjawhom, idejquhom jew jaghmlulhom hsara;

(8) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kisru il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u glied;

(9) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe` fl-uniformijiet ta' l-Ispettur Josric Mifsud u P.S. 325 Patrick Bornnici ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

(10) Lil Carmel Dimech wahdu talli fl-istess, jum, lok, hin, u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jhallix jew ifixkel waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu jew b'xi mod iehor bla jedd jindahal fi dmiru billi ma jhallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi ikun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun kemm il-darba din id-dizubbidjenza jew dak l-indhil ma jkunx jaqa' taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' April 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 95, 96, 338(ee), 339(1)(b), 338(dd), 325(a), 17(b)(c), 20, 30, 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmijin Carmel Dimech u Ludwig Dimech "hatja tal-akkuzi kif addebitati lilhom, salv u b'eccezzjoni ghat-tielet (3) akkuza peress li mhux qed jinstabu hatja li kkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tal-Ispettur Josric Mifsud u P.S. 325 Patrick Bonnici, mil-liema akkuza qed tilliberahom, pero` qed issibhom it-tnejn hatja talli kkagunaw r-reati indikati u kompriz li kkagunaw ferita ta' natura hafifa" u kkundannat lill-appellant (allura imputat) Carmel Dimech ghal perijodu ta' tmien xhur prigunerija effettiva u lill-appellant (allura imputat) Ludwig Dimech ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija. Inoltre kkundannathom ihallsu s-somma ta' tlieta u tmenin liri Maltin (Lm83) lid-Direttur tal-Qorti rappresentanti l-hlas li sar lil Dr. Mario Scerri in konessjoni man-nomina tieghu u dan fi zmien xahar mid-data tas-sentenza u fin-nuqqas tali

somma tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs [***recte:*** prigunerija] ghal kull hames liri Maltin (Lm5);

Rat ir-rikorsi separati ta’ appell ta’ Carmel Dimech u ta’ Ludwig Dimech ipprezentati fit-12 ta’ April 2007 li permezz taghhom talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha u tirrevokaha fil-parti kundannattorja taghha u konsegwentament jigu dikjarati mhux hatja u liberati minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji fil-mertu taz-zewg appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jwasslux fil-grad rikjest mil-ligi ghal sejbien ta’ htija ta’ l-imputazzjonijiet dedotti; (2) li ma jirrizultawx l-elementi tas-sitt u d-disa’ imputazzjonijiet; (3) li, rigward l-ghaxar imputazzjoni fil-konfront ta’ l-appellant Carmel Dimech, ir-rikjesta biex imur l-ghassa ma kinitx ordni, u anke jekk kienet ordni, mhuwiex legittimu illi l-Pulizija titolbu jmur l-ghassa meta ma setax imur; (4) li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra, l-appellant Ludwig Dimech intervjena biss sabiex jiddefendi lil missieru li hu ragel marid; (5) li, minghajr pregudizzju, il-piena hi esagerata.

B’referenza ghall-ewwel aggravju, l-appellanti jsostnu fl-ewwel lok li permezz ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, il-Pulizija *threw the book at them*, u l-ewwel Qorti ma kinitx cara dwar ta’ x’hiex sabet htija. Dwar dan l-ewwel ilment pero` huwa bizzejjed li din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza preliminari taghha fejn qalet illi l-ewwel Qorti “kienet qed issib htija ghar-reati kontemplati fl-artikoli 95 (inkluz il-fatt li ghamlu offiza ta’ natura hafifa), 96, 338(ee), 339(1)(b), 338(dd) u 325(a)”. Dak li trid taghmel issa din il-Qorti huwa li tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment issib htija tar-reati kontemplati f’dawn l-artikoli.

Dwar il-fatti l-appellant jghid hekk fir-rikors ta' appell tieghu:

"Persuna estera li kienet Malta b'visa skaduta, inqabdet tikkommetti reat. In segwitu allura l-Pulizija kellhom bzonn il-passaport tieghu biex ikunu jistghu jkeccuh minn Malta. Jidher li din il-persuna estera kellha interess li tivvinta li l-passaport ma kienx ghandha, u allegat li dan kien ghand il-ko-appellant Carmel Dimech. Sa hawn il-Pulizija kellha allegazzjoni ta' persuna li ma tantx setghet taghti daqstant affidament. Il-Pulizija fix-xoghol taghha, taf li tali persuni li jinstabu llegalment hawn Malta jipprovaw jaggancaw ma' xi storja kimerika sabiex jibqghu Malta. L-allegazzjoni ta' dan il-bniedem ma dehritx affidabbli, ghax filwaqt li kien qed jghid lill-Pulizija li hu u ohrajn kienu jghixu ghand Carmel Dimech, ma kienx kapaci jehodhom fejn suppost allura kien qed joqghod. Ghalkemm qallhom li jahdem mal-ko-appellant Carmel Dimech, ma kienx kapaci jehodhom fuq xi lant tax-xoghol.

"Dan kollu qed jinghad fid-dawl tal-fatt ta' kif imxiet il-Pulizija fil-kaz odjern. Jidher li kollox skatta meta l-Ispettur Josric Mifsud cempel lill-ko-appellant Carmel Dimech u qallu biex imur l-ghassa tal-Belt, Valletta. Hawnhekk, hawn konflitt bejn dak li xehed l-Ispettur Josric Mifsud u P.S. 325 Patrick Bonnici. L-Ispettur jipprova jaghti impressjoni li r-risposta kienet wahda arroganti, li Carmel Dimech ma riedx imur. Mill-banda l-ohra, is-Surgent jghid li Carmel Dimech wiegeb 'Jiena ghandi xi xoghol x'naghmel u ma nistax nigi.' Jidher li din ir-risposta skattat lill-imsemmi Spettur sabiex jiehu spettur iehor, surgent u zewg kuntistabbli biex imorru jarrestaw lill-ko-appellant Carmel Dimech.

"Bl-akbar rispett lejn id-decizjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti, nonostante li s-sentenza telenka ricerka fuq l-uzu tal-forza li ghandha tuza l-Pulizija, il-pern tal-kwistjoni hu jekk il-Pulizija kinitx gustifikata illi legalment tmur biex tarresta lill-ko-appellant Carmel Dimech. Il-fatt li l-Pulizija titlobni biex immur l-ghassa u jiena nwiegeb li ma nistax immur, ma jiggustifikax il-htiega li jien nigi arrestat. *Dato*

*ma non concesso* li l-Pulizija kellha htiega li tmur tinvestiga l-allegazzjoni li kellha, allura meta l-Pulizija marret, ghamlet it-tfittxijiet necessarji u ma sabet xejn minn dak li kien qed jigi allegat lilha, allura ma kienx hemm il-htiega ta' l-arrest ghaliex ma kienx hemm aktar suspett ragonevoli. Kif gie ritenut f'*Fox Campbell and Hardley*, 30 Aug 90:

"*'The reasonableness of the suspicion on which an arrest must be based forms an essential part of the safeguard against arbitary arrest and detention.'*

"Kif deciz mill-kaz *Dallison v. Caffrey*, 1965, it-test hu wiehed oggettiv:

"*'All the authorities on police powers are unanimous in the opinion that the adjective reasonable implies an objective standard.'*

"Il-gurisprudenza taghna dejjem riteniet li tali suspett, *'irid ikun wiehed gravi u doveruz u li jkun ragonevoli'* (Vincent Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et, 21 Jan 1993).

"Fid-dawl ta' dawn il-principji, fl-umli fehma ta' l-esponenti, oggettivament, ma kien hemm l-ebda suspett ragonevoli li jiggustifika l-arrest. Il-fatti, bir-rispett, aktar jindikaw il-figura ta' spettur li ma kienx lest jaccetta r-risposta tal-ko-appellant Carmel Dimech ghall-invit tieghu sabiex imur l-ghassa. Mill-provi, fil-fatt, jirrizulta li l-imsemmija spetturi lanqas ma nfurmawh fil-hin ta' l-arrest bir-ragunijiet ghala huma kienu qed jarrestawh, u dan bi vjolazzjoni tal-ligi (vide Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et, 5 ta' April 1991).

"X'gara meta huma marru ghand il-ko-appellant Carmel Dimech hija sitwazzjoni fejn bniedem qed jara li l-forza ta' l-ordni, ghalkemm ma sabet xejn hazin u llegali, qeghda tipprova tinvadi l-proprjeta` tieghu fuq rapport fazull. Tant ir-rapport kien bla bazi, li ma ttiehdu ebda proceduri fil-konfront ta' l-esponenti ghal xi akkuza bazata fuq l-istess. Fil-fatt dan l-Gharbi injot qatt ma ttella' jixhed. Ghaldaqstant il-figura tad-delitt ta' attakk u rezistenza u l-

figura tad-delitt li l-esponenti Carmel Dimech ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, ghandhom jinkwadraw fil-fatti u principji premessi. Bir-rispett, mill-provi prodotti, dawn id-delitti ma jiffigurawx."

Issa, dwar l-incidenti li taw lok ghal dawn il-proceduri xehdu l-Ispettur Josric Mifsud, l-Ispettur Alexander Grech, P.S. 325 Patrick Bonnici, P.C. 1098 Anthony Scerri u P.C. 736 Vincent Falzon. Minn dawn ix-xhieda jirrizulta illi fid-19 ta' Lulju 2004 l-Ispettur Josric Mifsud ressaq il-Qorti persuna ta' nazzjonalita` Gharbija li kien qieghed Malta bla permess u li allega li kien qieghed jghix ghand xi hadd Charlie f'Haz-Zebbug u li l-passaport tieghu kien ghand dan Charlie. P.S. 325 Patrick Bonnici, fuq struzzjonijiet ta' l-Ispettur Mifsud, baghat tliet pulizija – P.C. 33, P.C. 247 u P.C. 1098 – flimkien ma' l-Gharbi, certu Mohammed El Salem, biex ifittxu lill-imsemmi Charlie. Meta l-Pulizija rritornaw, gabulu n-numru tal-mobile ta' l-appellant Carmel Dimech. Dak li l-Ispettur Mifsud qal li qalulu l-Pulizija msemmija qieghed jigi skartat peress illi l-uniku wiehed minnhom li gie prodott biex jixhed, P.C. 1098 Anthony Scerri, qal biss li meta marru lura nfurmaw b'dak li kien gara – minghajr ma spjega x'kien dak li kien gara – u li taw in-numru tal-mobile ta' Charles Dimech u n-numru tal-vann tieghu Astra abjad. L-Ispettur Mifsud xehed illi cempel dak in-numru u "tajtu ordni sabiex jinzel l-ghassa sabiex inkellmu pero` kien stqarr li ma kienx se jigi." P.S. 325 Patrick Bonnici mill-banda l-ohra jghid illi meta l-Ispettur cempillu, Charles (ossia Carmel) Dimech qallu "jien ghandi xi xoghol x'naghmel u ma nistax nigi", u li l-Ispettur tah hin ta' siegha. Peress illi l-Ispettur Mifsud kellu *search warrant* mahrug mill-Magistrat Joseph Apap Bologna, ha diversi pulizija mieghu sabiex ikun jista' jaghmel is-*search*.

Jidher li l-Pulizija ma sabux ir-residenza ta' Carmel Dimech izda gie ndikat lilhom garaxx li kellu f'Mdina Road, Haz-Zebbug. Marru fuq il-post fejn sabu l-vann ipparkjat mal-genb tat-triq. Marru fil-garaxx fejn sabu lill-appellant Ludwig Dimech, iben l-appellant Carmel Dimech, li qalilhom li missieru ma kienx hemm. Fittxew fl-ambjenti tal-garaxx u bitha sakemm l-Ispettur Mifsud innota

persuna “supina wara mejda” go kamra li tmiss mal-garaxx. Ordna lil dik il-persuna, li effettivament irrizulta li kienet l-appellant Carmel Dimech, tohrog minn hemm. L-Ispettur Mifsud jghid li dan “qam bil-wieqfa, beda jghajjat, gie dirett ghal fuqna u hareg jigri minn gol-kamra, hareg jigri t-tul tal-garaxx u gie ezatt ghal fuqna. Hemm hekk gie dirett ghal fuqi, imbuttani fejn imbaghad … P.S. 325 Patrick Bonnici imbuttah *physically* lil Charles Dimech u hemmhekk it-tifel beda jghajjat u jghid li hadd ma jmiss lil missieru u gie dirett ghal fuqi u hemmhekk tani daqqa ta’ ponn”. P.S. 325 Bonnici jikkonferma li l-appellant Carmel Dimech imbotta lill-Ispettur Mifsud u jkompli jghid: “Jiena dak il-hin intervjenejt u bdejt nimbotta lil Charles Dimech b’sidri u ressaqtu lura u smajt lil Ludwig Dimech jghajjat kontra l-Ispettur li lil missieru ma tmissuhx u halluh lil missieri, missieri m’ghamel xejn, missieri ma jiflahx. Hemmhekk jiena hallejt lil Charles Dimech u mort fuq Ludwig Dimech biex nitfghu lura. Dan beda jxejjer idu u jaqlaghli. Jiena uzajt il-forza minima li taghtini l-ligi biex nwaqqfu u wara ftit l-affarijiet ikkalmaw…. Jiena garrabt feriti f’rasi. Ghamilhomli Ludwig waqt l-inkontru li kellna bejnietna, wahda fuq mohhi u wahda fuq idi. Kien Ludwig Dimech li missni, xejjer idu u laqatni fuq zewg postijiet f’wicci.” Ftit differenti hi l-verzjoni ta’ P.C. 1098 Anthony Scerri li jghid li “Charlie hebb ghall-Ispettur Josric bil-konsegwenza li waqa’ ghal fuqu mal-art. Jiena u s-Surgent 325 ippruvajna naqilghu lil Charlie minn fuq l-Ispettur.” L-Ispettur Alexander Grech ukoll jghid li Carmel Dimech imbotta lill-Ispettur Mifsud ma’ l-art. Din il-verzjoni pero` se tigi skartata peress illi l-Ispettur Josric Mifsud stess ma jghidx li sehhet.

L-appellant Carmel Dimech xehed li kien l-ufficcju meta l-Pulizija dahlu fl-impjant taghhom billi saqu ghal gol-bitha. Dahal ikellmu surgent twil. Qalulu biex johrog biex ikellmuh, kif ghamel. Skond l-appellant Carmel Dimech, il-Pulizija marru jfittxu xi Gharbi u lit-tifel tieghu hasbuh Gharbi. Il-pulizija t-twil beda jimbotta lit-tifel tieghu u rmieh fit-tajn u anke qasamlu t-telecell. Huwa qallhom lill-Pulizija li dak li kienu mbuttaw kien it-tifel tieghu.

L-appellant Ludwig Dimech xehed li fil-gurnata in kwistjoni l-Pulizija baqghu dehlin fl-impjant ta' missieru f'Haz-Zebbug. Qallhom li ma setghux jiccekkjaw. Saqsewh ghal missieru u qallhom li ma kienx hemm peress li hu (Ludwig) kien ghadu kif dahal. Fil-fatt missieru kien fuq in-naha ta' gewwa. Il-Pulizija qalulu li kienu qed ifittxu ghal xi Gharbi. Qalulu li kien qieghed jigdeb ghax fil-fatt missieru kien hemmhekk u dak il-hin qabdu jimbuttaw lil missieru li kien se jaghmel operazzjoni dak iz-zmien. L-appellant Ludwig Dimech ikompli jghid: "Dahal wiehed fuqi u qabadni li sa fejn naf jiena ma kienx jaf min jiena. Kif qabadni mbuttajtu u waqa' fit-tajn. Beda jghajjarni giddieb. Nixtieq nghid illi Gharab jiena ma kellix fuq il-post. Il-pulizija in kwistjoni kien wiehed twil hafna u kellu iehor hdejh qasir. Nixtieq nghid li l-pulizija dahal minn barra u ma kienx jaf x'qed isir gewwa. Hu qabadni mill-ewwel…. Jiena fil-fatt ghidtlu li xtaqt incempel lill-avukat u l-pulizija t-twil qabad il-mobile tieghi u qasamuli."

L-ewwelnett din il-Qorti tosserva illi bejn ix-xiehda ta' l-appellanti stess hemm kontradizzjonijiet. L-appellant Carmel Dimech jghid illi lil ibnu hasbuh Gharbi. L-appellant Ludwig Dimech ma jghid xejn minn dan. L-appellant Carmel Dimech jghid illi lil ibnu l-Pulizija rmewh fit-tajn. L-appellant Ludwig Dimech jghid li kien hu li mbotta lill-pulizija u dan waqa' fit-tajn. L-unika haga li donnhom jaqblu dwaru hu dwar kif il-Pulizija baqghu dehlin fl-impjant taghhom f'Haz-Zebbug u li l-mobile ta' l-appellant Ludwig Dimech inkiser mill-pulizija t-twil.

Mill-banda l-ohra mill-provi tal-Pulizija huwa evidenti l-ewwelnett illi l-Pulizija marret tfittex lill-appellant Carmel Dimech biex tesegwixxi *search warrant* u mhux biex tarrestah. L-arrest tieghu u ta' ibnu sehh mhux in konnessjoni ma' dak li rrizulta jew ma rrizultax mit-tfittxija – ghax tfittxija fil-fond indikat fis-*search warrant* kienet ghadha ma sehhitx – izda minhabba l-incidenti li nqalghu meta l-Pulizija kienu qed ifittxu lil Carmel Dimech fl-ambjenti tal-garaxx tieghu f'Mdina Road, Haz-Zebbug. Inoltre, galadarba l-Pulizija kellhom informazzjoni li passaport ta' persuna barranija kien qieghed jinzamm minn Carmel Dimech, kellhom kull dritt jaghmlu tali tfittxija,

aktar u aktar in vista tas-*search warrant* li diga` kellhom fil-pussess taghhom. Ghalhekk l-argumenti kollha migjuba 'l quddiem mill-appellanti dwar l-arrest taghhom mhumiex fondati.

L-Ispettur Josric Mifsud kellu *search warrant* li ried jesegwixxi fir-residenza ta' l-appellant Carmel Dimech. Huwa kien qieghed ifittex lil Carmel Dimech biex dan jakkompanjahom sar-residenza tieghu u b'hekk jigi esegwit il-*warrant*. Jigifieri meta l-Pulizija sfaw aggrediti mill-appellanti, dan ghamluh f'cirkostanzi fejn il-Pulizija riedu jesegwixxu ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti. Inoltre, kif xehed l-Ispettur Josric Mifsud, huma baqghu jirrezistu, ossia jissaraw mal-Pulizija u xiehda ta' dan hemm ukoll ir-rapport ta' l-espert forensiku Dr. Mario Scerri. Ghalhekk ir-reat addebitat liz-zewg appellanti a tenur ta' l-artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta.

Kwantu ghar-reat kontemplat fl-artikolu 95 ta' l-istess Kap. 9, din tirrizulta biss fil-konfront ta' l-appellant Ludwig Dimech peress illi jirrizulta li kien hu li ta daqqa ta' ponn lill-Ispettur Josric Mifsud u kkawzalu "haematoma over left eyebrow and over left maxillary region" (ara c-certifikat mediku Dok. JM1 a fol. 41)[1], u kien l-istess Ludwig Dimech li kkawza numru ta' offizi ta' natura hafifa (ara c-certifikat mediku Dok. JM4 a fol. 47) lil P.S. 325 Patrick Bonnici.

Stranament l-ewwel Qorti sabet htija fiz-zewg appellanti wkoll skond l-artikolu 325(1)(a) tal-Kap. 9, cioe` r-reat ta' hsara volontarja fejn l-ammont tal-hsara jkun izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69). Din il-Qorti tghid stranament peress illi minn imkien ma jirrizulta illi Ludwig Dimech ikkawza xi hsara lill-uniformijiet ta' l-Ispettur Josric Mifsud u ta' P.S. 325 Patrick Bonnici, u l-unika hsara li tirrizulta hi fil-qmis ta' l-Ispettur Josric Mifsud meta dan gie mbuttat minn Carmel Dimech. Barra minn hekk qmis zgur ma tiswiex aktar minn €1,164.69 u, stante li ma saritx prova tal-valur, sejjer

[1] Dwar l-"abrasion over chest" m'hemmx prova dwar kif din saret.

jittiehed lanqas valur skond l-artikolu 325(1)(d) u cioe` dak fejn l-ammont ta' hsara ma jiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29).

Iz-zewg appellanti nstabu hatja wkoll ta' ksur tal-bon ordni u paci pubbliku skond l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9. Din l-imputazzjoni wkoll ma tirrizultax stante li dak li sehh ma sehhx fil-pubbliku izda gewwa garaxx ta' l-appellant Carmel Dimech.

Dwar l-imputazzjoni ta' ksur ta' l-artikolu 339(1)(b) tal-Kap. 9, cioe` li kull wiehed mill-appellanti "minghajr ma jidrob jew isawwat, ihedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew iwaddabhom, jew jaqbad armi ohra kontra n-nies", hawn ukoll mill-provi din l-imputazzjoni ma tirrizultax. Fil-kaz ta' l-appellant Carmel Dimech minn imkien ma jirrizulta li qabad xi haga f'idejh ghall-Pulizija. Fir-rigward ta' l-appellant Ludwig Dimech, l-Ispettur Alexander Grech jghid li dan kellu mobile f'idu u darab lil P.S. 325 Patrick Bonnici bih. Biex jissussisti r-reat kontemplat fl-artikolu 339(1)(b), ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li l-aggressur ma jkunx darab u ma jkunx sawwat lill-vittma bl-oggett li jkun qabad f'idejh.

L-appellant Carmel Dimech wahdu gie akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi dan ir-reat mhuwiex delitt kif indikat mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu izda kontravvenzjoni. L-appellant jghid illi ma jirrizultax illi huwa ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. Ghalkemm jista' jinghad illi l-appellant jidher li ghandu ragun, l-imsemmi artikolu jikkontempla diversi alternattivi, fosthom li wiehed ifixkel persuna nkarigata minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu. U jirrizulta sodisfacentement illi l-appellant Carmel Dimech effettivament fixkel lill-Pulizija fi dmirijiethom meta huma marru jfittxuh sabiex ikunu jistghu jesegwixxu s-*search warrant* imsemmi qabel.

Kwantu ghall-piena, in vista ta' dak kollu konkluz minn din il-Qorti, irid ikun hemm necessarjament temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, (A) tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant Carmel Dimech hati talli kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tal-Ispettur Josric Mifsud u P.S. 325 Patrick Bonnici, tikkonfermaha wkoll in kwantu sabet lill-appellant Carmel Dimech hati ta' l-imputazzjonijiet bi ksur ta' l-artikoli 96, 325(1)(d) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` talli (1) fid-19 ta' Lulju 2004 ghall-habta tal-4.00 p.m. gewwa Haz-Zebbug, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti, (2) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe` qmis ta' l-uniformi ta' l-Ispettur Josric Mifsud, liema hsara ma tiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), (3) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, fixkel persuni nkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, b'dan li dawn it-tieni u tielet imputazzjonijiet huma assorbiti fl-ewwel wahda, tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra u minnhom tilliberah, u tirrevokaha wkoll in kwantu gie kkundannat ghal tmien xhur prigunerija u minflok tikkundannah ghal erba' xhur prigunerija, liema sentenza m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' snin millum huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Din il-Qorti spjegat lill-appellant Carmel Dimech bi kliem car ir-responsabbilita` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Inoltre tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9; (B) tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant Ludwig Dimech hati talli kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tal-Ispettur Josric Mifsud u P.S. 325 Patrick Bonnici, tikkonfermaha wkoll in kwantu sabet lill-appellant Ludwig Dimech hati ta' l-imputazzjonijiet bi ksur ta' l-

artikolu 96 kif ukoll l-artikolu 95 bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe` talli (1) fid-19 ta’ Lulju 2004 ghall-habta tal-4.00 p.m. gewwa Haz-Zebbug, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti, (2) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ghamel offiza fuq il-persuni ta’ l-Ispettur Josric Mifsud u P.S. 325 Patrick Bonnici, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra u minnhom tilliberah, u tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija u minflok tikkundannah ghal erba’ xhur prigunerija u ghall-hlas ta’ multa ta’ elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------